# Qniepen Idoqqu

"Ġa xbajt ngħidlek. Tallaba wara l-bieb tiegħi ma rridx. jekk insibek darba oħra hawn nirrapurtak lill-pulizija".

"Imma sinjur .... "

"Ħallik mill-imma, jew titlaq bil-kwiet jew inkaxkrek 'il barra jien".

"Sinjur, jien fqira . . . żewġi mejjet . . . uliedi bil-ġuħ . . . "

"Ejja, ħallina mill-kliem żejjed".

"Ħniena sinjur, għada jum il-Milied, ħniena f'ġieħ jum it-twelid imqaddes . . . "

Lanqas ħallieha ttemm kliemha, għajjat tnejn mill-qaddejja tiegħu u ġegħilhom ikaxkruha 'l barra mill-palazz tiegħu.

Qalb is-swat u l-biki t-tallaba ħaduha 'l barra minn fejn kellha t-tama waħdenija ta' ikla żgħira nhar il-Milied.

Tolfoq u tibki reġgħet lura lejn darha.

Sid il-palazz — is-Sur Silvju — daħal ġewwa kamartu jidħak u jirrabja għall-imġiba tal-mara fqira.

Meta waslet id-dar, Katrin — l-armla fqira — sabet lil uliedha jistennewha wara l-bieb. Mill-kbir saż-żgħir kollha kienu jidħru li huma bil-ġuħ. Ommhom għamlet li setgħet imma x'jieklu ma kellhomx. Alla jaf x'kienet issofri Katrin meta tara lil uliedha jitolbuha l-ħobż u ħobż ma kellhiex.

Il-kesħa kienet ixxoqq l-għadam. Katrin għalqet kemm setgħet iż-żewġ kmajriet tagħha u għajtet 'l uliedha. Niżżlithom għarkubbtejhom u hi f'nofshom qaltilhom igħidu talba żgħira lil Ġesù Bambin. "Bambin, aħna fqar bħalek, Int Sid kollox, ħenn għalina u aħfer lil dawk li b'qalb ħażina ma' jagħtuniex in-naqra ħobż tagħna", talbu flimkien.

Wieħed wara l-ieħor kollha qamu mill-art.

It-tfal kollha kienu jidhru ferħana għalkemm bil-ġuħ. Imma Katriħ ta' omm li kienet marret f'rokna għaliha u qalbha miksura talbet ħniena 'l Alla f'ġieħ it-Twelid t'Ibnu.

Il-lejl kien dieħel sewwa. Uliedha, bejn għax għajjiena, bejn għax bil-ġuħ, inxteħtu jorqdu fuq il-ftit tiben li kien hemm miġbur f'rokna tal-kamra.

Barra n-nies għaddejjin. Minn leħenhom kienu jidhru li huma ferħanin għax dak il-lejl kien il-lejl tal-Milied.

Il-qniepen tal-knisja kienu jinstemgħu jdoqqu mota wara mota li bdew jitħalltu mad-daqq u l-kant ta' nies għaddejja.

Hadd ma ħaseb f'dik l-armla; ħadd ma ħareġ xelin minn butu u mar newwlu lil dik il-fqajra u hekk kien jagħmel l-isbaħ Milied.

Minn kulħadd minsija! Mad-daqq tal-qniepen tħallat ukoll l-ilfieq u l-biki, imma ħadd ma semgħu ħlief Alla waħdu.

Ftit 'il bogħod minn dar Katrin kien hemm ħanut tax-xorb. Katrin b'qalbha ttaqtaq kienet tisma' n-nies jixxalaw u l-għors kbir li kien qed isir hemm ġew u hi mhux liri kienet trid minn dawk li kienu qed jintefqu . . . mhux flus kbar . . . imqar ħobża waħda biex ittaffi għal ftit il-ġuħ ta' wliedha. Fl-aħħar għajjiet, inxteħtet fl-art u, "Mulej, ħenn għal uliedi u għal dawk li ċaħduli l-ftit karità li tlabthom", talbet qabel intefgħet biex tistrieħ, jekk moħħha seta' jistrieħ.

Fil-palazz tas-Sur Silvju, wara ħafna ikel u daqq li dam sejjer mat-tliet sigħat, beda mill-ġdid jaħkem is-skiet. Ħafna mis-sefturi kienu jew inġabru jorqdu jew telqu lejn darhom.

Is-Sur Silvju, fil-kamra tiegħu, ma setax isib mistrieħ. Kien għadu qed jippassiġġa minn tarf għall-ieħor tal-kamra. Ix-xbiha ta' dik il-mara tallaba ma setgħetx tmur minn quddiem għajnejh, u issa, f'dak id-dlam, miksur kultant min-nar taċ-ċumnija, kien donnu qed jisma' lil dik il-mara tgħidlu "Ħniena, ħniena".

Minħabba dawn il-ħsibijiet u minħabba d-daqq tal-qniepen ma setax jorqod. Fl-aħħar, bħal wieħed miġnun, intefa' fuq is-sodda u raqad.

Imma ma damx rieqed ħafna.

Wara ftit qam skantat. Kien ħolom li reġa' ra x-xena ta' xi erbgħin sena ilu.

Dak iż-żmien kellu ma' l-għoxrin sena. Kien jiftakar sewwa 'l ommu stenduta f'kamra żgħira . . . wiċċha safrani . . . nifsha maqtugħ . . . tħares lejh u lejn ħutu . . . tkellimhom . . . twissihom . . . u donnu issa . . . issa qed jismagħha tgħid l-aħħar kelmiet tagħha, "Uliedi, għixu dejjem ħbieb m'Alla . . . ħobbu l-proxxmu . . . għinu l-foqra . . . għinu l-foqra . . . min ma jismax minni ma jkunx ibni . . ." u wara ftit, kien qed jaraha bħal li kieku għadha kif mietet ftit sekondi qabel. jaraha ċċaqlaq rasha u tmut . . .

Is-Sur Silvju donnu kien għadu qed fil-kamra t'ommu moribonda, jisma' l-aħħar kelmiet tagħha. Ħass xi ħaġa li tgħidlu biex jibda ħajja ġdida. Sema' l-qniepen tal-knisja jdoqqu . . . għamel il-ħsieb li jitlaq lejn il-knisja, li kien ilu

ħafna li daħal fiha l-aħħar. Libes u wara ftit ingħaqad man-nies ferħana fi triqtu lejn il-knisja.

Daħal il-knisja u fil-ħin ħass bidla ġewwa fih innifsu. Intefa' fuq siġġu f'rokna mudlama tal-knisja. Tifel żgħir kien għadu kif beda l-priedka tal-Milied. Semgħu jgħid ". . . u paċi fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba".

Il-kliem sempliċi tat-tfajjel daħal f'qalbu. Qalbu kienet ilha ħafna mingħajr paċi. Issa sema' kif seta' jikseb il-paċi.

Ried jipprova. Fil-knisja moħħu u ruħu tbiddlu. Qabel ħareġ niżel għarkubbtejh u talab u wiegħed "Mulej, agħtini l-paċi Tiegħek; jien mil-lum 'il quddiem irrid inservik f'kollox. Irrid nisma' mill-kelma t'ommi li ngħin lill-foqra; Mulej, ftakar fija f'jum it-Twelid ta' Ibnek u aħfirli!"

Ħass dieħla fih il-paċi tal-Milied kif għadda jgħaġġel mit-toroq għall-palazz tiegħu.

L-għada filgħodu, nhar il-Milied, Katrin qamet kmieni. Il-ġuħ u l-ħsieb bil-kemm kienu ħallewha torqod. Uliedha għad-hom reqdin.

X'intihom malli jqumu? staqsiet lilha nfisha. Xejn! Xejn! Fil-ħin semgħet il-bieb iħabbat. Katrin libset libsa mraq-qgħa — l-aħjar libsa tagħha — u marret tiftaħ qalbha ttaqtaq.

Sabet lis-Sur Silvju. Ħasbet li kien irrappurtaha. Beżgħet u tbikkmet.

"Oħti, aħfirli għall-imġieba tiegħi miegħek il-bieraħ. Ħa, ħa u itma 'l uliedek. Meta jkollok bżonn ejja għandi u nagħtik. Ma għandekx għalfejn titlob iżjed . . . "

Silvju newlilha sorra li kellu f'idu u telaq . . .

Katrin stagħġbet. "Tassew li Alla tal-ħniena", qalet fil-waqt li niżlet għarkubbtejha u rringrazzjat lil Ġesù Bambin għas-smigħ tat-talba tagħha u ta' wliedha.

Wara ftit qamet bintha ż-żgħira.

"Ma, ma, tassew li l-Bambin ġibilna x'nieklu?"

"Fejn taf, binti?"

"Issa qalli l-Bambin . Kont rieqda u ġie ħdejja . . . "

"Iva, Lina, u qatt iżjed ma nkunu bil-ġuħ!"

"Il-Bambin, ma, iħobb lit-tfal, hekk qalli Ninu l-bieraħ; għalhekk bagħtilna l-ħobż biex nieklu".

"Orqod, Lina, orqod għax il-Bambin ukoll mar jorqod issa fil-grotta ta' Betlem".

X. Y.